# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 22 ta' Ottubru, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 668/01mm**

**Porto Azzurro Limited**

**vs**

**DIKK Ltd**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta'elf u hames mija u tmienja u tmenin lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm1588.42) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut ghall-akkomodazzjoni u servizzi ohra fornuti mis-socjeta' attrici fuq

inkarigu tas-socjeta' konvenuta stess, hekk kif indikat fl-annessa kopja ta' *invoice* datata 26 ta' Lulju, 2001, markat Dokument 'PA1'.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' l-Avviz, u bl-imghax dekorribbli skond il-Ligi sal-effettiv pagament, kontra s-socjeta' konvenuta, rapprezentanti ta' liema gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fil-11 ta' Ottubru, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.